MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-7 ta' April, 2009

Avviz Numru. 10/2009

**Victor B. Romanov**

**vs**

**David Francis Foley**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tar-rikorrent ghall-kundanna tal-intimat ghall-hlas tas-somma ta' hamest elef tminn mija u tlieta u ghoxrin Ewro u hamsa u erbghin centezmu, (€5,823.45), rapprezentanti somma moghtija mir-rikorrent a favur tal-intimat b'titolu ta' self ai termini ta' l-iskrittura (kopja annessa u mmarkata Dok A) u liema ammont ghadu sal-lum ma thallasx;

Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tar-rikorrenti sabiex l-intimat iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu

jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment l-intimat naqas u ma deherx, la fl-24 ta' Marzu tas-sena 2009, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimat David Francis Foley ihallas is-somma ta' hamest elef tminn mija u tlieta u ghoxrin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€5,823.45) lir-rikorrent Victor B. Romanov;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------